QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT: DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 16 TA' FRAR 2001

Avviz Nru 1168/99DM

Middle Sea Insurance p.l.c kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Edwin Calleja, abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi u l-istess Edwin Calleja.

vs

Mario Vella

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-atturi fejn talbu il-kundanna tal-konvenut sabiex jhallas is-somma ta' Lm700.08, seba' mitt lira u tmien centezmi jew somma verjuri, rappresentanti d-danni sofferti mill-atturi b'risultat tal-kollizjoni li grat bejn il-vetturi KAC 771 u HAF 121, fil-25 ta' Jannar 1999, fil-Gudja, stante li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni minhabba traskuragni, imperizja, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tal-konvenut.

Bl- imghax legali mid-data tan-notifika tal-avviz u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-konsult ammontanti ghal Lm10, tal-ittri legali tal-2 ta' Frar 1999, u tas-26 ta' Marzu 1999, tal-ittra ufficcjali tat-30 ta' April 1999, u tal-ittra ufficcjali presentata kontestwalment kontra l-assigurazzjoni tieghu, kontra l-konvenut li jibqa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Mario Vella fejn eccepixxa:-

1 Illi huwa ma kien bl-ebda mod responsabbli ghall-incident imsemmi fl-avviz fuq citat, stante li ghall-incident stradali 'de quo' kien unikament responsabbli s-sewwieq tal-attur nomine minhabba imprudenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti biss ta' Calleja

2 Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tat-12 ta' April 2000 fejn il-konvenut assistit mid-difensur tieghu ddikjara illi qed jikkontesta biss ir-responsabbilta u mhux il- quantum tad-danni.

Semghet ix-xhieda prodotti

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi l-karreggjati opposti li fihom kienu qed jinsaqu l-vetturi nvoluti kienu separati minn xulxin b'linji kontinwi bojod li ghalhekk kienu jobbligaw lil kull sewwieq li b'ebda mod ma jidhol fil-karreggjata tal-iehor.

Il-verzjonijiet taz-zewg sewwieqa huwa kontradittorji fis-sens li kull sewwieq jallega li kien l-iehor li invada l-karreggjata tieghu.

Ghalhekk huwa rilevanti l-isketch mghamul mill-ufficjal li nvestiga l-kaz. Dan juri li l-habta grat fil-karreggjata wzata minn Sara Calleja u jinsab ikkonfermat mir-ritratt Dok SC1. Ghalhekk jindika li t-tort huwa principalment tal-konvenut.

Izda l-istess sketch u ritratt Dok SC3 jindikaw li l-vettura ta Calleja, wara l-habta, kellha l-parti posterjuri taghha ukoll oltre il-linji bojod u fil-karreggjata tal-konvenut.

Dan huwa indikattiv li qabel il-kollizzjoni Calleja kienet qabzet il-linja medjana u kienet qed tirritorna fil-karreggjata taghha meta saret il-habta. Billi jidher ghalhekk li meta wasal il-konvenut, Calleja kienet digia, almenu bil-quddiem tal-vettura taghha, halliet il-karreggjata tal-konvenut, il-kawza principali tal-kollizzjoni kienet il-manuvra tal-konvenut li baqa diehel fil-karreggjat ta Calleja u habat maghha u din il-manuvra hija principalment spjegata minn velocita' eccessiva fil-curva li kien ghadhu kif issupera.

Dan ukoll jispjega il-marki li gew riskontrati l-ghada fit-triq u li jidhru fir-ritratt Dok SC2 a fol. 32 li juru ukoll it-traettorja tal-vettura misjuqa mill-konvenut.

Ghalhekk huwa l-konvenut li ghandhu r-responsabilita’ principali ghall-kollizzjoni.

Izda ma tistghax tigi injorata ghal kollox il-manuvra ta Sara Calleja li kienet qabel il-habta invadiet il-karreggjata tal-konvenut. Infatti ma jistghax jigi esklus li din il-manuvra setghet fixklet xi ftit lill-konvenut meta tfacca mill-kurva u li setghet ipprovokat xi esitazzjoni fl-azzjoni evasiva li kellhu jiehu.

Ghalhekk, Sara Calleja ghandha ukoll grad ta responsabilita’ ghall-incident, izda dan huwa grad minimu billi l-kawza principali tal-kollizzjoni kienet il-velocita’ eccessiva u konsegwenti manuvra imprudenti u inesperta tal-konvenut.

Konsegwentement il-Qorti tiddikjara li l-konvenut ghandhu disa decimi(9/10) mit-tort, u decimu (1/10) huwa ta Calleja.

Ghaldaqstant il-konvenut irid jirrispondi ghall 9/10 tad-danni li sofrew l-atturi li jammontaw fl-intier taghhom ghas-somma komplessiva ta seba mija liri maltin u tmin centezmi (LM700.08).

Ghal dawn il-motivi tilqa t-talba attrici limitatament billi tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-atturi is-somma ta sitt mija u tletin liri maltin u tmin centezmi (LM630.08) ghas-saldu tad-danni sofferti minnhom b’risultat tal-kollizjoni li grat bejn il-vetturi KAC 771 u HAF 121, fil-25 ta’ Jannar 1999, fil-Gudja, stante li l-konvenut kien responsabbli fi grad ta 9/10 ghall-incident in kwistjoni minhabba traskuragni, imperizja, negligenza u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tieghu. Bl-imghax legali b’effett mis-6 ta Awissu 1999.

Bl-ispejjes jithallsu in kwantu ghall 9/10 mill-konvenut u 1/10 mill-atturi.

Magt Dr D Montebello B A LLD

S. Farrugia
Dep Reg